IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 15.6.2010
SEG(2010) 739 finali

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv f'Ċipru

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv f'Ċipru

L-APPLIKAZZJONI TAL-PATT TA' STABBILTÀ U TKABBIR FIL-QAGĦDA TA' KRIŻI ATTWALI

1. Ħafna pajjiżi tal-UE bħalissa qegħdin jiffaċċjaw żbilanċi tal-amministrazzjoni pubblika li jeċċedu l-valur referenzjali ta' 3%tal-PDG stabbilit mit-Trattat. Id-deterjorament ta' spiss qawwi fid-defiċit kif ukoll il-pożizzjonijiet tad-dejn għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku globali bla preċedent fl-2008/09. Hemm bosta fatturi involuti. L-ewwel nett, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jġib miegħu dħul dejjem inqas mit-taxxa u nfiq dejjem jiżdied f'benefiċċji soċjali (eż. il-benefiċċji kontra l-qgħad). It-tieni nett, filwaqt li wieħed jirrikonoxxi li l-politiki baġitarji jaqdu rwol importanti fis-sitwazzjoni ekonomika straordinarja attwali, il-Kummissjoni sejħet għal stimulu fiskali fil-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (PERE) tagħha ta' Novembru 2008, li ġiet ikkonfermata mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru. Il-Pjan spjega li l-istimulu għandu jkun f'waqtu, immirat u temporanju u differenzjat fl-Istati Membri kollha biex jirrifletti l-pożizzjonijiet differenti tagħhom f'termini ta' sostenibbiltà u kompetittività tal-finanzi pubbliċi u għandu jinġieb lura ladarba jitjiebu l-kundizzjonijiet ekonomiċi. Fl-aħħar nett, diversi pajjiżi ħadu miżuri biex jistabbilizzaw is-settur finanzjarju, u xi whud minnhom kellhom impatt fuq il-pożizzjoni tad-dejn jew jikkostitwixxu riskju ta' żieda fid-defiċits u fid-dejn fil-ġejjieni, għalkemm xi whud mill-ispejjeż ta' sostenn tal-gvern jistgħu jiġu rkuprati fil-ġejjieni.

2. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħti bidu għall-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) kull meta d-defiċit ta' Stat Membru jaqbeż il-valur referenzjali ta' 3 % tal-PGD. L-emendi għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tal-2005 kellhom l-għan li jiżguraw li l-isfond ekonomiku u baġitarju, b'mod partikolari, jitqies bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn pożizzjonijiet baġitarji b'saħħithom billi titqies is-sitwazzjoni ekonomika, u għalhekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul.

L-ISFOND LEGALI

3. L-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE). Din il-proċedura hija speċifikata aktar fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 "dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv"[1], li hija parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Ir-rapport iqis ukoll "L-ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-linji gwida dwar il-format u l-kontenut ta' programmi ta' stabbiltà u konverġenza", approvati mill-Kunsill ECOFIN tal-10 ta' Novembru 2009, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/legal_texts/index_en.htm.

4. Skont l-Artikolu 126(2) tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-konformità mad-dixxiplina baġitarja fuq il-bażi ta' żewġ kriterji, li huma: (a) jekk il-proporzjon tad-defiċit ippjanat jew attwali tal-gvern mal-prodott gross domestiku (PGD) jaqbiżx il-valur referenzjali ta' 3 % (sakemm il-proporzjon ma jkunx naqas sostanzjalment u kontinwament u jkun laħaq livell li jqarreb il-valur ta' referenza; jew, inkella, l-eċċess fuq il-valur ta' referenza jkun wieħed eċċezzjonali u temporanju biss u li l-proporzjon jibqa' qrib il-valur ta' referenza); u (b) dwar jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern fir-rigward tal-PDG jaqbiżx il-valur referenzjali ta' 60% (sakemm il-proporzjon ma jkunx qed jonqos b'mod suffiċjenti u jersaq lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti).

5. L-Artikolu 126(3) jistipula li, jekk Stat Membru ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' wieħed minn dawn il-kriterji jew it-tnejn li huma, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport. Dan ir-rapport għandu wkoll "iqis jekk l-iżbilanċ tal-gvern jaqbiżx l-infiq tal-gvern għal investiment u jqis il-fatturi l-oħra kollha rilevanti, inkluża l-qagħda ekonomika u baġitarja tal-Istat Membru għal perjodu ta' żmien medju".

6. Fuq il-bażi tad-dejta nnotifikata mill-awtoritajiet Ċiprijotti f'Marzu 2010[2] u wara li qieset it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, il-Kummissjoni adottat rapport skont l-Artikolu 126(3) għal Ċipru fit-12 ta' Mejju 2010[3].

7. Sussegwentement, u skont l-Artikolu 126(4) tat-Trattat, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fassal opinjoni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni fis-[27 ta' Mejju 2010].

8. L-Artikolu 126(5) tat-Trattat jitlob li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni tqis li jeżisti jew li jista' jinqala' żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru. Sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar jekk jeżistix jew jistax jinqala' żbilanċ eċċessiv, il-Kummissjoni tikkunsidra li għandhom jitqiesu: (i) il-konklużjonijiet tar-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3), u (ii) l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju dwar dan ir-rapport. Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni stabbilixxiet għadd ta' kunsiderazzjonijiet għal Ċipru.

KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR ĊIPRU

9. Minnufih wara l-adeżjoni tiegħu fl-UE f'Mejju 2004, inbdiet PŻE għal Ċipru mill-Kummissjoni[4] bl-adozzjoni ta' rapport skont l-Artikolu 104(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) fid-dawl ta' żbilanċ ta' 6,3 % tal-PGD fl-2003, jiġifieri aktar mill-valur referenzjali ta' 3% tal-PGD. F'Lulju 2004, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, b'mod konformi mal-Artikolu 104(6) tat-TKE, li kien hemm żbilanċ eċċessiv f'Ċipru u indirizza rakkomandazzjoni b'mod konformi mal-Artikolu 104(7) tat-TKE lil Ċipru bl-għan li l-qagħda ta' żbilanċ eċċessiv tinġieb fi tmiemha malajr kemm jista' jkun u mhux

---

2 Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, darbtejn fis-sena, il-livelli ppjanati u attwali tad-dejn u tal-iżbilanċ tal-gvern tagħhom. In-notifika l-iżjed reċenti ta' Ċipru tinsab fuq: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/excessive_deficit/edp_notification_tables.

3 Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għal Ċipru jistgħu jinsabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/deficit/countries/index_en.htm.

4 Id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' iżbilanċ eċċessiv għal Ċipru huma disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/deficit/countries/index_en.htm

aktar tard mill-2005. F'Lulju 2006, wara evalwazzjoni globali li wriet li d-defiċit kien tnaqqas għal 2,4% tal-PGD fl-2005, il-Kunsill iddeċieda li jirrevoka d-deċiżjoni tiegħu dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv skont l-Artikolu 104(12) tat-TKE.

10. Wara t-tmiem tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, il-bilanċ tal-gvern Ċiprijott baqa' ħafna aktar baxx mil-limitu tad-defiċit ta' 3 % tal-PGD. B'mod partikolari, fl-2006 id-defiċit naqas aktar għal 1,2 % tal-PGD, filwaqt li fl-2007 u fl-2008 il-bilanċ baġitarju nbidel f'eċċess ta' 3,4 % u 0,9 % tal-PGD rispettivament. B'mod parallel, il-bilanċ strutturali nbidel minn defiċit ta' 1¼ % tal-PGD fl-2006 għal eċċess ta' 2½ % fl-2007, aktar mill-objettiv baġitarju fuq żmien medju (medium-term budgetary objective - MTO) ta' Ċipru, li huwa baġit ibbilanċjat f'termini strutturali. Wara dan, l-eċċess strutturali tas-snin preċedenti nbidel mill-ġdid f'valuri negattivi. Matul il-perijodu 2006-2008, il-proporzjon ġenerali gross tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika naqas b'madwar 16¼ pp. tal-PGD għal 48,4% fl-2008, ħafna inqas mill-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60% tal-PGD. It-tnaqqis fid-dejn kien immexxi minn eċċessi primarji, tkabbir nominali kbir u aġġustamenti sostanzjali fil-fluss tal-istokk (sizeable stock-flow adjustments - SFA) flimkien mat-tnaqqis ippjanat ta' depożiti fil-bank ċentrali (fondi li qegħdin jonqsu) u assi finanzjarji akkumulati oħra li jintużaw biex jitħallas lura d-dejn li qiegħed jimmatura.

11. Skont id-dejta nnotifikata mill-awtoritajiet Ċiprijotti f'April 2010, l-iżbilanċ tal-amministrazzjoni pubblika f'Ċipru laħaq 6,1 % tal-PGD fl-2009, u b'hekk qabeż il-valur referenzjali ta' 3 % tal-PGD. Ir-rapport tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 126(3), qies li d-defiċit ma kienx qrib il-valur referenzjali ta' 3 % tal-PGD u li l-eċċess fuq il-valur ta' referenza jista' jiġi kkwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, dan jirriżulta minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, il-PGD reali f'Ċipru għandu jonqos aktar, għalkemm b'ammont inqas minn qabel, bi kważi ½ % fl-2010 meta mqabbel ma' 1¾ % fl-2009. Madankollu, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jistax jitqies bħala temporanju. Skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, l-iżbilanċ baġitarju huwa mistenni jilħaq madwar 7¾ % tal-PGD fl-2011 fuq bażi tal-ebda bidla politika. Il-kriterju tad-defiċit fit-Trattat mhuwiex sodisfat.

12. Skont id-dejta nnotifikata mill-awtoritajiet Ċiprijotti f'April 2010, id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika għadu taħt il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PGD u kien 56,2 % tal-PGD fl-2009. Għall-2010, Ċipru nnotifika dejn ippjanat ta' 62 % tal-PGD, u b'hekk jaqbeż il-valur referenzjali tat-Trattat ta' 60 % tal-PGD. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010 jipprevedi li d-dejn jilħaq 62,3 % tal-PGD fl-2010 u jogħla aktar għal 67,6 % fl-2011 b'piż fuq bilanċ primarju deterjorat. Fid-dawl ta' dawn it-tendenzi, il-proporzjon tad-dejn ma jistax jitqies li qiegħed jonqos biżżejjed u li qiegħed joqrob lejn il-valur ta' referenza b'pass sodisfaċenti skont it-tifsira tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-kriterju tad-dejn fit-Trattat mhuwiex sodisfat.

13. B'mod konformi mad-dispożizzjonijiet fit-Trattat u fil-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir, fir-rapport tagħha l-Kummissjoni analizzat ukoll il-"fatturi rilevanti". Skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dawn jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċizjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv jekk id-defiċit jissodisfa l-kundizzjoni doppja ta' qrubija u ta' temporanjetà. Fil-każ ta' Ċipru, il-kundizzjoni doppja mhijiex sodisfata.

Meta jitqiesu fuq il-mertu proprju tagħhom, il-fatturi rilevanti fil-każ attwali, kollox ma' kollox, jagħtu stampa mħallta.

14. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 126(4) tat-Trattat hija konsistenti mal-evalwazzjoni fir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 126(3).

KONKLUŻJONI

15. Il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni baġitarja f'Ċipru u, b'mod partikolari, l-eżaminazzjoni tal-konformità mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 126(2) wasslu lill-Kummissjoni sabiex tħejji rapport b'mod konformi mal-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Il-Kummissjoni, filwaqt li qieset ir-rapport tagħha u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, hija tal-fehma li jeżisti żbilanċ eċċessiv f'Ċipru.

16.